MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' April, 2015

Avviz Numru. 3/2015

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Robert Ciantar**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn esponiet u Joseph Caruana ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' rikorrenti bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi in forza ta' ittra ufficjali bin-numru 4740/2007 reza ezekuttiva fil-11 ta' Settembru 2007 (Dok "A") taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet, l-intimat jinsab debitur tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. fis-somma ta' hdax-il elf, tlett mija u disgha u disghin Ewro u tmintax-il centezmu (€11,399.18) ekwivalenti ghal erbat elef, tmien mija u tlieta u disghin Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm4,893.67) sorte flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-26 ta' Lulju, 2007 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi d-debitu tal-intimat mas-socjeta' rikorrenti llum jammonta ghal sbatax-il elf, disa' mija u disghin Ewro u ghaxar centezmi (€17,990.10) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-16 t'Ottubru, 2014 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-ittra ufficjali fuq imsemmija setghat tigi ezawrita u d-debitu tal-intimat ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi din il-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi l-ittra ufficjali bin-numru 4740/2007 reza ezekuttiva fil-11 ta' Settembru, 2007 taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjez kontra l-istess intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi ghalkemm l-intimat Robert Ciantar kien gie debitament notifikat, la deher ghas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2015 u lanqas ipprezenta risposta.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2015 xehdet Rose Cortis ghas-socjeta' rikorrenti fejn ikkonfermat bil-gurament illi ma kien sar l-ebda depozitu mill-intimat Robert Ciantar u l-posizzjoni ghadha kif kienet meta gie pprezentat ir-rikors promotur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta rikorrenti u tawtorizzaha tezegwixxi l-Ittra Ufficjali bin-numru 4740/2007 fl-ismijiet fuq imsemmija, reza ezekuttiva fil-11 ta’ Settembru 2007, ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jigu subiti mill-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------